# LINJI GWIDA GĦALL-GĦALLIEMA BIEX JAMMINISTRAW IS-SILLABI TAL-MALTI MLB GĦAS-SENA SKOLASTIKA 2021-2022

Daħla

Minħabba l-effetti tal-pandemija tal-COVID-19, it-tagħlim kellu jieħu xejriet differenti li b'xi mod jew ieħor ħallew effett fuq l-istudenti. Għalhekk fil-każ tal-Programm tat-Tagħlim u l-Assessjar tal-Malti MLB l-għalliema u l-Kapijiet tal-Iskejjel għandhom isegwu dawn il-linji gwida.

**Fil-Primarja**

L-istudenti li fis-sena skolastika 2021-2022 se jkunu:

- **fit-tielet sena** se jsegwu l-programm tat-tagħlim u l-assessjar tiegħu skont il-Kisbiet mit-Tagħlim tal-MLB tat-tielet sena/ Induction.

- **fir-raba' sen**a se jkunu qed isegwu l-programm tat-tagħlim u l-Assessjar tiegħu skont il-kisbiet mit-tagħlim tar-raba' sena. Jekk l-għalliema jħossu l-bżonn jistgħu jirreferu u jsaħħu xi kisbiet minn tat-tielet sena.

- **fil-ħames sena,** minħabba li din-sena mhux se jiddaħħal is-sillabu l-ġdid tal-MLB kif kien ippjanat, l-istudenti se jsegwu l-programm tar-raba' sena.
- Meta jaslu fl-iskola medja, l-istudenti jitpoġġew fir-rotta skont il-livell li jkun laħqu.

- **fis-sitt sena** se jsegwu l-programm tat-tagħlim u l-assessjar A1.

L-għalliema għandhom jirreferu għal dawn il-ħoloq fejn isibu d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa dwar il-Programmi ta' tagħlim u assessjar.

https://malti.skola.edu.mt/sillabi-godda/

https://malti.skola.edu.mt/assessjar-kontinwu-2019-2020/